# Il-Presepju

Ħarġa Nru. 100
April - Ġunju 2019



Fuljett maħruġ mill-
GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU - MALTA
c/o 56, Amaltea, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 - Malta

Newspaper Post

Fuljett
maħrug kull tliet xhur mill-
Għaqda Ħbieb tal-Presepju
Malta.

VO/0844

*Kull korrispondenza
għandha tiġi ndirizzata lis-
Segretarju,
Charles A. Bellia
56, Amaltea, Triq il-Marġ,
Attard ATD2382. Malta*

*IL-PRESEPJU
Jitqassam lill-Membri
tal-Għaqda u għalhekk biex tir-
ċevih ħallas il-miżata
tiegħek regolarment billi
tibgħat €5 lill-Kaxxier.
Kontribuzzjonijiet oħra
biex jinfdew l-ispejjeż
ikunu ferm apprezzati.*

*L-GĦAQDA
ĦBIEB TAL-PRESEPJU
Malta tirringrazzja lil kull min
kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.*

Apprezzament speċjali
jmur għas-
Sinjura Jessie Chircop
li ħadet ħsieb il-'proof reading'.

# Werrej

Editorjal
.........................................................................3
Il-Kelma tal-President
.........................................................................4
Fil-Presepju
.........................................................................5
Għax ġej il-Milied!...
.........................................................................6
Wirja Annwali 2019
.........................................................................7
Mużew tal-Presepju fi Slovenja
.........................................................................8
L-Imgħoddi dwar il-Milied
.......................................................................10
Betlem - Il-Belt tal-Fidwa
.......................................................................12
Talba għar-Reġistrazzjoni
.......................................................................15



**Stampat**
BONNICI'S PRESS Est. 1924
36, St. Paul Street, Valletta
Tel: 21224607 - 21228138
E-mail: emibonnici@gmail.com

# L-Editorjal

Is-sajf għadda u kważi mar. Is-sħana wriet snienha mhux ħażin. Għal xi uħud taf kienet ta' dwejjaq kbar minħabba li ftit li xejn wieħed seta' jieħu naqra tan-nifs biex jiffriska ruħu. Għal kuntrarju għalina l-presepisti, għalkemm ingergru bħal ħaddieħor mis-sħana, dan iż-żmien ikun idejali biex naħdmu fuq il-presepji. F'dan iż-żmien ix-xogħol tal-jablo u ġibs ikun jista' jinħadem aktar malajr minħabba li dak li tkun għamilt jinxef kważi millum għal għada. Qed ngħid hekk, għax ħafna drabi wieħed jitraskura u jħalli għall-aħħar xhur, imbagħad isib li x-xogħol idum ħafna biex jinxef. Dan qed ngħidu għax, ma tkunx l-ewwel darba li għamilt hekk jien. Fil-fatt l-Għaqda Ħbieb tal-Presepji-Malta għadha kif temmet il-kors tal-bini tal-presepji li sar għand il-Kapuċċini tal-Furjana. Il-konkorrenza kienet tajba u l-parteċipanti ħadu gost u fl-istess ħin tgħallmu kif isir presepju. Dan huwa ta' sodisfazzjon għall-Għaqda. Fl-immaġinazzjoni ta' kull individwu, wieħed ipinġi Betlem mill-perspettiva tiegħu. Dak is-sabiħ, għax wieħed li qatt ma mar Betlem, żgur li jimmaginha kif kien joħlomha meta kien jisma' r-rakkont tat-twelid tal-Bambin.

Dan li xtaqt inwassal illum; ix-xena ta' Betlem fi żmien it-twelid. Jekk tħares lejn il-pittura, jekk tifli l-poeżiji, jekk tisma' l-mużika relatata mal-Milied, kulħadd jagħti xena jew atmosfera totalment differenti. Fil-fatt, naħseb li ħadd ma jaf kif kienet ix-xena ta' Betlem. Dan hu s-sabiħ tal-Milied. Kulħadd jerġa' lura fi żminijiet ta' meta kien żgħir u l-imaġinazzjoni terġa' tiffjorixxi u meta jiġi biex jibni l-presepju jibnih fuq dak li kien sema', ra jew fassal... il-lokal...il-post...l-għar fejn twieled il-Bambin. Dan jagħtih sodisfazzjon. Reġa' qisu għex dawk iż-żminijiet. Jaf jimmaġina li kien xi ragħaj, xi wieħed mir-rejiet, l-għaġeb jew dak li irrifjuta jagħtihom kenn. Insomma kulħadd jassoċja ruħu ma xi personaġġ, imbasta jkun jifforma parti minn dak il-presepju li qed jibni. Pero' wieħed irid jifhem il-messaġġ tat-twelid ta' Ġesù. Ġie biex jifdi l-bnedmin u fuq kollox iġib il-PAĊI fl-art. Naħseb li l-għan tiegħu, donnu l-bniedem ma fehmux għax ħlief inkwiet u gwerer madwarna ma jeżistux. Nemmen li dak il-mument li wieħed jibni l-presepju dawn il-ġrajjiet ta' madwarna jintesew. Tajjeb li ma nintilfux biss fuq il-kostruzzjoni tal-presepju..iżda naħsbu wkoll fil-messaġġ ta' l-anġlu lir-rgħajja. "Paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba".
Paċi u Sliem

***Frans Chircop***

# Il-Kelma tal-President



Ninsabu fi żmien fejn mhux aktar ngħidu għadu ż-żmien, jew nibdew xi ħaġa bil-mod, imma fejn b'mod attiv il-pjanijiet tagħna għall-presepju nibdew inwettquhom. Fix-xefaq jidher iż-żmien meta l-presepju tagħna jrid ikun lest f'postu... fid-dar, fit-tieqa, f'xi wirja...

Żgur li dan il-messaġġ isib ħafna minnkom twaħħlu, tħalltu, tqattgħu, tnixxfu, tiżbgħu, tixgħelu, u mitt ħaġa oħra. Minkejja li fiżikament ‹il bogħod minn xulxin, il-presepju jgħaqqadna bħal aħwa fl-imħabba tagħna lejh.

L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju, Malta tagħti sehemha biex tgħin lil kull min irid jagħmel u jitgħallem il-presepju. Il-korsijiet għal min irid jibda, bil-għajnuna t'Alla, reġgħu ħadu l-ħajja. Dawk li jridu jkabbru t-talent presepistiku għandna l-kors tal-presepisti Taljani Gianfranco Cupelli u Francesco Stellato, kors interessanti li għalih nistiednu lil kull min jaħdem jew jixtieq jaħdem fil-qasam tal-presepju. Diġa kellna diversi presepisti Taljani fil-gżejjer tagħna li għenu biex tikber l-arti tal-presepju, u dan il-mument nittama li jkompli jgħinna fl-għanijiet tagħna.

B'ħarsitna 'l quddiem lejn l-istaġun tal-Milied fejn ħidmitna tilħaq il-qofol tagħha. Żmien li nħarsu lejh biex ikompli jgħaqqad lil dawk kollha li jħobbu l-presepju u lill-entitajiet li naħdmu għal dan il-għan.

Nittama li ż-żmien li ġej inkunu qed ifittxu dak li jgħaqqadna u nwarrbu dak li jista' jagħmel ħsara lil din l-għaqda ta' bejnietna.

Nixtieq lil kulħadd il-ħidma t-tajba.

Paċi u Sliem.

**Alex Powell - President**


Żomm kuntatt mal-**GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU - Malta**
Website: www.presepjumalta.org
eMail: presmal18@gmail.com
facebook: Ħbieb tal-Presepju-Malta

# *Fil-Presepju*



Nixtieq kont il-pastur
li jġorr l-għeneb pur fuq spalltu milwija,
ħa nagħsarlek għanqud u nisqik b'sabar,
kemm tbill griżmejk u tħoss is-sħana tal-ġabra!

Nixtieq kont il-pastur
ragħaj idur bil-merħla tiġri ma' saqajh,
ħa nressaqhom ħdejn il-grotta jindokrawk,
rashom baxxuta, jafu li Int il-Ħallieq!

Nixtieq kont il-pastur
iġorr id-dqiq fuq spalltu minn qamħa dehbiena,
ħa nordna lill-furnar iħejji l-isbaħ ftira,
mhux il-ħobż u kliemek biss l-għajxien tal-bnedmin!

Nixtieq kont il-pastur
daqqaq biż-żummara jew bit-trumbetta,
f'ħin inferrħek, nifraħ jien ukoll b'għanjiet il-Milied,
f'nofs il-lejl mat-tanborlin ngħannik Messija!

Nixtieq kont il-pastur
l-għaġeb jew il-kurjuż jixxabbat mal-għar,
ħa ngħix dal-misteru tal-kartolini
u b'fidi, b'għajnejn miftuħa nħabbrek Feddej!

Nixtieq kont il-pastur
bil-ġwienaħ ifaħħrek u jagħtik glorja,
ħa nkun jien l-ewwel xhud li nwassal l-aħbar,
fl-għerien, fil-presepji u f'qalb il-bnedmin!

**Jonathan Balzan**

Agħti sehemek biex jitwassal il-
**MESSAĠĠ TAL-MILIED F'MALTA!**
Ħu sehem fil-WIRJA ANNWALI TA› PRESEPJI 2019
li ser issir f'PALAZZO FERRERIA - VALLETTA.
Għal aktar dettalji aqra l-paġni: 7 u 15 f'dan il-fuljett!

# Għax ġej il-Milied!...



Il-Milied qed joqrob, u għalhekk ma jistax jonqos li matul ix-xahrejn li ġejjin dawk kollha li għandhom għal qalbhom it-tradizzjonijiet tal-Milied ser ikunu mpenjati mhux ħażin biex ilestu l-presepju tagħhom għal din is-sena. L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta ma baqgħetx lura. F'Lulju li għadda erġajna tajna bidu għal Kors tas-sajf. Kellna numru sabiħ ta' persuni li għall-ewwel darba meddew idejhom biex lestew presepju żgħir għal-Milied tagħhom. Bħas-soltu kellna taħlita ta' nisa u rġiel ta' etajiet differenti.

Issa qed nippreparaw biex fi tmiem Settembru nilqgħu fostna liż-żewġ artisti Cupelli u Stellato li ġejjin minn Calabria, Italja biex jagħtu kors qasir dwar it-teknika li jużaw huma fil-bini tal-presepju.



Sadanittant, qed naraw ukoll il-Wirja Annwali riesqa bil-mod il-mod, u għalhekk ma nistgħux inħallu l-preparazzjonijiet għall-aħħar. *Din is-sena erġajna akkwistajna post f'Palazzo Ferreria, fi Triq ir-Repubbłika, Valletta.* Post ftit iżgħar minn dak li konna mdorrijin bih, imma ħafna iktar ċentrali u b'aċċess komdu. Is-sena l-oħra kellna ammont mhux ħażin ta' familji bit-tfal żgħar (fil-pushchair) li ġew jaraw il-wirja. Numru ieħor li soltu kien joqgħod lura, kienu persuni li għal xi raġuni kellhom jużaw *'wheelchair'*. Dawn ukoll daħlu jaraw il-presepji tagħna bla diffikulta!

Qed nippreparaw biex għal darb'oħra jkollna wirja ta' livell li jkun jixraq mhux biss il-post offrut lilna imma wkoll lit-tradizzjoni Maltija.

F'paġna oħra ta' dan il-fuljett issibu l-formola biex tipparteċipaw fil-wirja annwali. Bħas-soltu inħeġġiġkom li taħsbu kmieni biex tapplikaw. Grazzi għas-sehem tagħkom dejjem kellna wirja interessanti u ta' livell. Ejja nkomplu bl-impenn tagħna lejn din it-tradizzjoni u flimkien insaħħu l-iskop ewlieni tagħna ... dak li l-Milied f'Malta jiġi ċċelebrat madwar il-Presepju.

# *WIRJA ANNWALI 2019*

## *6 ta' Diċembru - 30 ta' Diċembru, 2019*

BIEX TIEĦU SEHEM:

1. Kull membru tal-Għaqda li jkollu l-miżata tal-2019 imħallsa jista' jieħu sehem fil-Wirja billi jimla l-formola li tinsab f'dan il-fuljett u jibgħatha lis-Segretarju flimkien ma' 8 bolli ta' Malta mhux użati ta' 28c l-waħda.

***2. Kull parteċipant jista' jippreżenta sa żewġ presepji; iżda l-Kumitat ikollu dritt li jirrifjuta xi presepji minħabba nuqqas ta' spazju, livell ta' xogħol baxx jew xi raġuni oħra valida.***

3. Presepji li jkunu dehru f'xi wirjiet oħra, inklużi dawk tal-Għaqda, ma jiġux aċċettati għall-Wirja.

***4. Il-qisien tal-presepji m'għandhomx jaqbżu is-60cm faċċata u 50cm fond. Presepji li jkunu ikbar jiġu aċċettati biss jekk l-ispazju jippermetti.***

5. Il-presepji jiġu esibiti għar-riskju tal-propjetarji tagħhom. Għalhekk il-preżenza tal-esibituri waqt il-wirja hija importanti.

***6. Presepji li jkollhom dwal ġo fihom, irid ikollhom biċċa 'twin sheeted flex' ta' mhux inqas minn tliet metri kif ukoll 'fused plug 13 amp'. Ħadd ma jkun permess li jikkonnettja l-presepju tiegħu mas-sistema tal-elettriku mingħajr il-permess tal-Kumitat.***

7. Il-Kumitat ma jkunx responsabbli għal xi ħsarat li jistgħu isiru lil xi presepji minħabba li l-vultaġġ tal-bozoz, transformers jew muturi ma jkunux jaqblu ma' dak tal-Enemalta - 240Volt. ***Presepji li jkun fihom l-ilma ma jistgħux jieħdu sehem fil-wirja.***

***8. Il-presepji għandhom jitwasslu f'Palazzo Ferrerija skond il-ġranet u l-ħin li jippermetti l-permess tal-Awtorita kompetenti.***

9. Ritratti u/jew videos tal-presepji meħuda mill-Kumitat ikunu propjeta esklussiva tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju (Malta) u l-Kumitat ikollu d-dritt, mingħajr ebda obbligu, li jużahom f'pubblikazzjonijiet, ġurnali, DVD's u websites.

***10. Bejgħ jew negozjar ta' bejgħ ta' presepji jew partijiet minnhom ma jkunx permess fis-sala tal-Wirja. Membru li jikser dan ir-regolament jista' jitkeċċa mill-Għaqda.***

11. Il-presepji ma jistgħux jittieħdu mis-Sala waqt il-Wirja, iżda jridu jibqgħu esibiti sat-Tnejn 30 ta' Diċembru, 2019.

***12. Il-presepji jridu jinġabru nhar it-Tnejn 30 ta' Diċembru, 2019 bejn is-2.00 p.m. u l-4.00 p.m., jew it-Tlieta 31 ta' Diċembru qabel id-9.00 am.***

13**. L-applikazzjonijiet jagħlqu nhar is-Sibt 16 ta' Novembru, 2019.**

# Mużew tal-Presepju fi Slovenja

Slovenja - pajjiż fl-Ewropa ċentrali li sa ftit snin ilu kien taħt il-ħakma komunista tal-Jugoslavja. Illum is-Slovenja hija pajjiż liberu u stat fl-Unjoni Ewropeja li mexa l-quddiem u qed jattira lejh għadd kbir ta' turisti li jżuruh minn kull parti tad-dinja. Joffri ambjent mill-isbaħ b'muntanji, kampanja bi ħdura liema bħalha u għadd ta' bliet b'karatteristiċi u attrazzjonijiet differenti. Arja nadifa u aktarx ftit friska, speċjalment meta tikkomparaha mas-sħana kbira li kellna f'Malta matul Lulju.

L-ewwel ħsieb tiegħi, meta flimkien mal-mara tiegħi, ddeċidejt li nżur dan il-post, kien li mmur niltaqa' ma' tnejn min-nies li kienu Malta għall-Konvenju Ewropew li l-Għaqda tagħna organizzat fl-2018. Kont naf li xtaqu xi pasturi tradizzjonali Maltin u sibt lill- ħabib tiegħi Pawlu Muscat li qdieni tajjeb ħafna. Dawn il-pasturi malajr sabu posthom fil-Mużew tal-Presepji li hemm fi Brezje, belt żgħira viċin il-kapitali Ljubljana



Ftehemna li nżuru Brezje nhar it-Tnejn 15 ta' Lulju. Fl-10.00 a.m. irkibna karozza elettrika misjuqa mid-direttriċi tal-Mużew is-Sra. Andreja Erzen li f'madwar 20 minuta wasslitna sa ħdejn is-Santwarju Bażilika fejn hi meqjuma l-immaġini tal-***Madonna Għajnuna tal-Insara***. Matul it-triq is-Sra Erzen spjagatilna kif dan is-Santwarju huwa ċentru popolari ħafna għall- pellegrinaġġi li jaslu minn diversi partijiet tad-dinja. Qaltilna li jumejn qabel, is-Sibt, madwar 1400 ruħ attendew għall-quddiesa ta' wara nofs inhar - stajt nimmaġina l-atmosfera meta rajt it-tinda kbira mibnija fil-pjazza ta' quddiem il-bażilika. Wara li offritilna l-kafe, servut minn żewġha, s-Sra. Erzen stednitna nżuru l-kwartier Franġiskan li jinkludi, l-Bażilika, l-Kunvent tal-Patrijiet Franġiskani Minuri, d-Dar tal-Pellegrin u naturalment il-Mużew tal-Presepju: ***Muzej Jaslic***.

Meta dħalna fil-Bażilika laqtitni ħafna l-arja ta' kwiet u devozzjoni. Fuq in-naħa



tal-lemin il-kwadru tal-Madonna huwa espost fi prespettiva skulturata u ndurata bid-deheb. Wara l-artal ta' din il-kappella, rajna ammont kbir ta' għotjiet ***'ex voto'***, xiehda tal-grazzji maqlugħa bl-interċessjoni ta' Marija, Għajnuna tal-Insara. Meta ħriġna mill-Bażilika ġejna fi pjazza żgħira mdawra mill-Kunvent tal-Patrijiet u ftit 'il bogħod id-Dar tal-Pellegrin. Kollox miżmum organizzat u fuq kollox nadif. Serenita li tħossha kullimkien.

Ftit metri 'l bogħod minn dan kollu, hemm ir-razzett, fejn fil-passat, il-Patrijiet Franġiskani kienu jrabbu l-baqar! Illum, wara tindifa u restawr kif imiss, dan ir-razzett jospita il-***Muzej Jaslic*** ... Mużew ta' presepji b'madwar 480 presepju, ta' kull daqs u għamla miġburin minn madwar id-dinja. L-iżgħar presepju fih madwar 8 centimetri u l-ikbar wieħed madwar 2 metri. Il-parti l-kbira tagħhom magħluqin wara l-ħġieġ fil-waqt li l-kbar huma protetti bi ħbula jew barrikati dekorattivi. Il-presepji huma mqassmin skond il-pajjiż minn fejn ġew. Dawn huma indikati b'kuluri ta' dwal differenti. Mod modern iżda li jserraħlek moħħok waqt li tammira l-linja sempliċi li biha huma esposti dawn il-presepji. Ftit ġranet wara l-mawra tiegħi f'dan il-mużew, waħda mill-vetrini żgħar ġiet iddedikata lis- sett pasturi tradizzjonali Maltin.



Bħal ma jgħidu, l-okkażjonijiet sbieħ jgħaddu malajr, u hekk ġara liż-żjara tiegħi fi Brezje, s-Slovenja. Żjara li ħalliet mhux biss togħma tajba, imma wkoll xewqa għajjura għal dak li toffri. Tgħid għad naslu biex anke f'pajjiżna jkollna imqar wirja permanenti ta' presepji?

# L-Imgħoddi dwar il-Milied

Minn Gwido Lanfranco

Il- biċċa l-kbira ta' dak li jsir fil-Milied ta' żmienna nistgħu ngħidu li kollu ġdid. Fl-antik kienet issir biss il-funzjoni tal-knisja bil-quddiesa, u aktar li kienu jżidu kienu xi għannej fil-knisja jew daqqaqa tal-flawt, tanbur, u aktar tard xi vjolini. Ftit ilu, l-aktar fis-seklu li għadda, beda dieħel fid-djar il-presepju, drawwa li żviluppat fl-Ewropa, l-aktar fl-Italja, minn fejn wasal fil-gżejjer tagħna. Għall-bidu, l-pasturi magħmulin minn skulturi u artisti oħra kienu jistgħu jixtruhom biss l-għonja, jew jaslu f'xi knisja permezz ta' xi donazzjoni. Iżda ftit ftit fil-forma beda jintuża t-tafal u b'hekk sar aktar faċli li jsiru pasturi f'Malta. Mal-pasturi beda jsir il-presepju, li għall-ewwel kien biss grotta, iżda biż-żmien beda jikber u bdew jidħlu fih ħafna nies jaħdmu, rgħajja, nagħaġ, imtieħen u xogħol ieħor. Il-presepju kien ikun magħmul mill-ġebel imtaqqab tax-xagħri, u għalhekk kien jiżżarma u jerġgħu jarmawh. Meta fl-aħħar tas-seklu li għadda u l-bidu ta' dan, beda aktar jintuża l-faħam tal-vapuri u tal-vapur tal-art jew tren, il-faħam maħruq li jintrema, u li kienu jgħidulu 'kakazza' jew 'gagazza', beda jintuża wkoll għall-presepju flok il-ġebel, minħabba li kellu kulur sabiħ.

L-antiki kellhom aktar superstizzjonijiet. Fost oħrajn kienu jgħidu li mhix ħaġa xierqa li tarbija titwieled f'lejlet il-Milied, il-ħin li fih suppost twieled Kristu. Għalhekk kienu jgħidu li minn jitwieled hekk jista' jagħtih ħmar il-lejl joħroġ fit-toroq bħala l-Gaw-gaw jew Kaw-kaw, ibezza' lin-nies. Min kien ikollu tarbija bħal din, kien jara kif jagħmel biex iżommha mqajma f'nofs il-lejl. Mhux biss bħala tarbija iżda wkoll meta jikber kienu jridu jżommuhom imqajmin. Jingħad li xi nies tal-kampanja li kellhom xi għarbiel, kienu jġegħluhom jgħoddu t-toqob biex ma jorqdux sakemm jaqbeż nofs il-lejl. M'għandiex xi ngħidu, dawn kollha ħmerijiet, iżda jirriflettu kemm missirijietna kienu jibżgħu minn affarijiet li fuq kollox kienu



twemmin fieragħ.

Fl-antik ma kinux jagħtu rigali fil-Milied, għax dawn kienu jagħtuhom fl-istrina, jew fil-bidu tat-tre re. Ir-rigali jew kienu jkunu xi ftit tin taċ-ċappa jew ukoll ġellewż, lewż, qastan ġewż, li kienu jaslu f'Malta ftit qabel il-Milied, żmien San Martin. Għalhekk it-tfal kienu jistgħu jilagħbu bihom bosta logħbiet minflok logħob tal-boċċi, u wara wkoll jikluhom. Kienu wkoll jieklu l-qagħaq tal-għasel bħala ħlewwiet.

Biż-żmien bdew jingħataw ir-rigali fil-Milied. Il-biċċa l-kbira minnhom kienu jsiru bl-idejn, bħal blalen taċ-ċraret, xi presepju, xi żiemel tal-injam jew karettun, pupi taċ-ċarruta oħrajn maħdumin mill-kbar. Jekk it-tfal kienu joqogħdu mqarbin ma kinux jagħtuhom rigal, iżda faħma taħt imħadda, biċ-ċajt wara jaħfrulhom u jagħtuhom xi ħaġa. Normalment it-tfal kienu jistennew ir-rigal taħt l-imħadda meta jqumu.

Issa għandna bosta affarijiet oħrajn li bihom nifirħu fil-Milied, iżda nittamaw li nibqgħu nindaħlu biex nieħdu parti f'dak li jsir fil-knisja, u li nagħmlu presepju. Issa hawn żewġ għaqdiet tal-presepji, waħda f'Għawdex u oħra f'Malta, li qed jagħmlu ħafna xogħol biex iżommu ħajja din it-tradizzjoni sabiħa.

# *Il-Miżata*

Qed noqorbu lejn tmiem is-sena 2019 u għad fadal xi membri li għadhom ma ħallsux il-miżata. Dan ifisser li dawn il-ħbieb , forsi mingħajr ma jirrejalizzaw, qed ikunu piż fuq l-Għaqda, għaliex, anke jekk rari jersqu lejn l-attivitajiet li norganizzaw, xorta għadhom jirċievu l-fuljett regolarment. Dan l-aħħar reġgħet żdiedet l-ispiża tal-posta! Mela l-piż reġa' kiber! Għalhekk inħeġġiġkom biex min qiegħed lura fil-ħlas, jersaq 'il quddiem u jagħti sehemu.

Grazzi bil-quddiem

colour

# *Betlehem - Il-Belt tal-Fidwa*

Minn Ralph Micallef

Ħafna huma dawk li messithom ix-xorti li jagħmlu żjara fl-Art Imqaddsa. Ngħid li hija xorti kbira, għax hemm twieled u għex il-feddej tagħna, sidna Ġesù Kristu. Hekk insibu fil-ktieb tal-Eżodu, Kap.3.5. "Neħħi l-qorq minn riġlejk, għax dan il-post li inti fuqu hu art qaddisa". Betlehem hija belt qaddisa wkoll għax hemm il-Mulej għażel biex jitwieled u jgħati bidu għall-fidwa tal-bnedmin u lid-dinja kollha (Salm 46, 5). "Qaddis hu t-Tempju" (Salm 5, 8). Betlehem hija l-art ħelwa, l-omm li tatna l-feddej. Din l-art ħelwa li tinsab fuq in-naħa tax-xaqliba tal-Lvant tal-baħar tagħna l-Mediterran, hija art ta' belt fejn hemm tnaqqxet il-ġrajja tal-ħelsien tal-bniedem. Hija ntgħażlet minn fost tant bliet oħra aktar sinjuri, isbaħ u akbar.



It-triq minn Ġerusalemm, il-belt ewlenija tal-istat ta' Iżrael, għal Betlehem, hija qasira. Madwar biss disa' kilometri jifirdu dawn iż-żewġt ibliet. Ġesù twieled u deher fid-dinja tagħna f'Betlehem iżda miet u rxoxta f'Ġerusalem.

Betlehem, li tfisser "dar tal-ħobż" tqanqlek bis-sempliċita u sbuħija tagħha aktar mill-opri ta' Bernini, Dürer, Picasso jew Michelangelo; hija belt bħall-għassiesa li tħares lejn il-baħħ tad-desert ta' Ġuda. Hija belt ixxurtjata, fejn il-Profeta Mikea jgħid fuqha "Inti Betlehem Efrata, minnek għad joħroġ dak li għad isaltan fuq Iżrael" (Mik. 5, 1).

Ġesù għażel mhux palazz fejn jitwieled iżda għar fqajjar fejn sar ċentru tal-kristjanezmu. Ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda (Lq 2, 1-14). Fis-sena 326 WK l-Imperatur Kostantinu bena knisja fuq dan l-għar qaddis. Kien f'dawn

iż-żminijiet (384 WK) li għall-kenn ta' għar fqajjar ta' Betlehem ġie jgħammar wieħed mill-għorrief tal-knisja, San Ġlormu, li kien hu li qaleb għal-Latin il-Bibbja kollha u ħares lil din il-belt.

Meta tasal fil-pjazza ewlenija ta' Betlehem tara knisja b'dehra fqira, il-bieb prinċipali huwa baxx, id-dehra interna tat-tempju ma tantx tpaxxilek għajnejk; iżda tinduna bid-devozzjoni meta tilmaħ ħafna lampieri.

Il-bażilika fiha 54 metru tul b'26 metru wisa' u fiha ħames navi u 44 kolonna. Fuq il-ġnub tal-presbiterju ssib żewġ daħliet li jniżżluk b'taraġ għal dan l-għar. Id-daħliet ta' l-irħam u l-bibien tal-bronż huwa xogħol tal-kruċjati. Tinżel dan it-taraġ u hemm tersaq lejn il-ġrajja tal-misteru.



L-għar qaddis huwa twil 12.3 metru u wisa' 3.5 metru. Hemm tilmaħ il-kelmiet tal-Vanġelju "Marija tat id-dawl lill-ewwel iben tagħha, fisqietu u medditu f'maxtura". (Lq 2, 7). Waqt li tixxotta demgħa tersaq b'devozzjoni quddiem stilla tal-fidda mwaħħla ma' l-art b'kitba bil-Latin: "Hic de virgine Maria Jesus Christus natus est." Ma jonqosx li ma tbusx dik l-art qaddisa tal-għar.

Tibda tiela' mat-taraġ fuq ix-xellug waqt li tisthajlek tisma' l-aħbar u l-kant ta' l-anġli fil-jum tat-twelid ta' Ġesù. Illum ir-relikwi ta' dan il-misterju, fosthom il-maxtura, jinsabu fil-knisja ta' Santa Maria Maggiore f'Ruma fejn ġew meħuda hemm, fis-seklu XII.

Meta tħalli din il-pjazza ewlenija ta' Betlehem u tikser fuq il-lemin it-triq tieħdok lejn l-għalqa tar-rgħajja fejn qtajja ta' anġli kienu taw l-aħbar li twieled Ġesù "Glorja in excelsis deo".

Din il-knisja parrokkjali magħrufa ta' Santa Katerina nbniet fl-1882, mill-patrijiet Franġiskani, li ta' kuljum (minbarra l-Ħdud) joħorġu b'purċissjoni b'kant gregorjan ta' żmien il-Milied u jinżlu jagħtu qima fl-għar qaddis.

Il-ġrajja ta' Betlehem tmur lura snin ferm qabel ma twieled Ġesù; fil-fatt hija l-belt marbuta mal-mewt ta' Rakele, mal-ġrajja ta' Rut il-Moabita li minnha twieled Obed ta' nisel Ġesse.

F'Betlehem, Samwel kien dilek li David bħala sultan ta Iżrael, (Salm 16, 1). Marija u Ġużeppi niżlu minn Nażaret fil-belt ta' Betlehem biex jinkitbu skond l-ordni li nieda Ċeseri Awgustu fiċ-ċensiment(5 Luqa 2).

Betlehem nistgħu nkunu aħna wkoll. Ġesù, iben Marija jista' jitwieled fina, meta aħna nirċievu lil Ġesù fl-ewkaristija. Ġesù jrid u jippreferi mhux il-presepju magħmil b'idejn, iżda li jgħix f'ruħna u dan mhux biss għal ġurnata u darba biss, izda kuljum.

Mela, nkunu Betlehem aħna ukoll id-dar tal-ħobż qaddis.



**GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU - Malta**
***WIRJA F'PALAZZO FERRERIJA - VALLETTA***
***7 - 30 ta' Diċembru, 2019***

***Talba għar-Reġistrazzjoni***

Isem u Kunjom: ..............................................Nru ID ..............................

Indirizz:.......................................................................................................

..........................................................................................................................

Mob: ........................ e:Mail...............................................................................

**Dettalji dwar il-Presepju**:

Qisien: Faċċata [ cm ] Fond [ cm ] Għoli [ cm ]

Materjal [ ]

**NOTA IMPORTANTI: Din is-sena l-wirja ser tkun miftuħa mid-9.30 a.m. sas-7.00 p.m. kuljum. Huwa għalhekk importanti li jkollna attendenza tal-esibituri u membri biex il-piż jinqasam bejn kulħadd. Ikun apprezzat jekk inti timmarka minn issa xi granet li fihom tkun tista taghti sehemek. Grazzi**

| *SIBT* | *ĦADD* | *TNEJN* | *TLIETA* | *ERBGĦA* | *ĦAMIS* | *ĠIMGĦA* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **7** | **8** | **9** | **10** | **11** | **12** | **13** |
| **14** | **15** | **16** | **17** | **18** | **19** | **20** |
| **21** | **22** | **23** | **24** | **25** | **26** | **28** |
| **28** | **29** | **30** | | | | |

**N.B. Il-Wirja tkun magħluqa f'dawn il-ġranet:**
**24 ta' Diċembru - wara nofs inhar**
**25 ta' Diċembru - ġurnata kollha**
**26 ta' Diċembru - ġurnata kollha**

**Firma........................................ Data............................**

## Bl-Isbaħ Xewqat mill-Mużew tal-Presepji
## Brezje - Slovenja.













MUZEJ
JASLIC
BREZJE